MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 3/2006

Raymond Cilia
vs
Buxom Poultry Ltd

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur kien bidwi u xogholu kien li jsemmen it-tigieg;

Illi s-socjeta` konvenuta kienet debitrici tal-attur fl-ammont ta’ disat elef mitejn u lira Maltija tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9,201.23), bilanc ta’ somma akbar, konsistenti, in kwantu ghal Lm5,402.53 ghall-qatla ta’ tigieg imsemmen mill-attur u konsenjata lis-socjeta` konvenuta f’Ottubru tas-sena 2004 u dan kif kien jirrizulta minn Dokument “A” anness mac-citazzjoni, Lm362.10 ghall-qatla ta’ tigieg imsemmen mill-attur u konsenjata lis-socjeta` konvenuta f’Marzu tas-sena 2004 u dan kif kien jirrizulta minn

Dokument “B” anness mac-citazzjoni, u Lm3436.60 ghall-qatla ta’ tigieg imsemmen mill-attur u konsenjata lis-socjeta` konvenuta fi Frar tas-sena 2004 u dan kif kien jirrizulta minn Dokument “C” anness mac-citazzjoni, liema dokumenti annessi kienu kopji ta’ ‘statement of account’ ghall-perjodi relattivi indikati fuq l-istess dokumenti mahruga mis-socjeta` konvenuta stess;

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas is-socjeta` konvenuta kienet baqghet inadempjenti;

Illi kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) stante li l-kreditu tal-attur fis-somma ta’ disat elef mitejn u lira Maltija tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9201.23) kien cert, likwidu u esigibbli, u fil-fehma tal-attur is-socjeta` konvenuta ma kellhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tilqa’ t-talba u taghti s-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici versu l-attur fis-somma ta’ disat elef mitejn u lira Maltija tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9201.23);

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex minnufih thallas lill-attur is-somma ta’ disat elef mitejn u lira Maltija tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9201.23).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2003/05 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 2004/05, kif ukoll bl-imghax kummercjali, kollox kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur li fiha ssemma li hu bidwi u xogholu jsemmen it-tigieg. Is-socjeta` konvenuta kienet debitrici tieghu fl-ammont ta' disat elef mitejn u lira Maltija tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9,201.23), bilanc ta' somma akbar, konsistenti, in kwantu ghal Lm5,402.53 ghall-qatla ta' tigieg imsemmen mill-attur u konsenjata lis-socjeta` konvenuta f'Ottubru 2004, Lm362.10 ghall-qatla ta' tigieg imsemmen mill-attur u konsenjata lis-socjeta` konvenuta f'Marzu 2004, u Lm3436.60 ghall-qatla ta' tigieg imsemmen mill-attur u konsenjata lis-socjeta` konvenuta fi Frar 2004. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas is-socjeta` konvenuta kienet baqghet inadempjenti. Illi l-kreditu huwa cert, likwidu u esigibbli, u fil-fehma tal-attur is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Rat illi s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata u mghajta tliet darbiet ma deher hadd ghaliha, u anqas giet prezentata risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tal-attur tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum, il-Qorti tilqa' t-talba u taghti s-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et tal-Kap 12, tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici versu l-attur fis-somma ta' disat elef mitejn u lira Maltija tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9201.23), u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex minnufih thallas lill-attur is-somma ta' disat elef mitejn u lira Maltija tlieta u ghoxrin centezmu (Lm9201.23).

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------